Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena

## 10 ta' Mejju 2017

## MINUTI

Il- Kumitat Amministrattiv tal-Madliena ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-Centru Civiku, Kunsill Lokali Swieqi, Triq G. Bassiera, Swieqi, fil-16.15.

## Prezenti:

Mary Anne Abela – Chairperson

Simon Stilon – Deputy Chairperson

Theresa Valentino – Membru (waslet fl 16.45)

Asha Caroline Caruana – Membru

Skuzat: Godfrey Leone Ganado

## Ufficjal Prezenti:

Vince Tanti – Segretarju Ezekuttiv, Kunsill Lokali is-Swieqi

Ic-Chairperson Mary Ann Abela ippresedjat il-laqgha.

**<u>Kunsiderazzjoni u punti li johorgu minnhom u l-Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-Minuti nqraw, saru xi korrezzjonijiet u zdiedu xi punti maghhom peress illi aktar dettalji li kellhom jintbghatu sabiex jigu nkluzi f'dawn il-minuti ma waslux fil-hin. Is-Segretarju avza u ssugerixxa li l-minuti ma jigux approvati, ser jaghamel l-emmendi necessarji.

Izda mill-minuti li nqraw saru xi punti, fosthom li  Vici Chairpersom S. Stilon, bhala kontinwazzjoni ghall-attivita tan-Neighbourhood Watch informa li ser jattendi flimkien mal-Vici Sindku Dr. J. Fenech ghal laqgha privata mal-Victims Support Group, li ser issir fic-centru taghhom gewwa l-Marsa nhar is-17 ta'Mejju.

Il-Membru C. Asha Caruana infurmat illi saret il-laqgha bejn il-Kunsill, il-kuntrattur is- Sur Chris Galea u l-Greenpak, fejn l-issues kollha gew iccarati. Il-flyer ser jibda jigi mqassam fid-djar u baqa biss il-punt ta' fejn ser jigu installati il-cameras CCTV.

**<u>Rapport Mic-Chairperson</u>**

Ic-Chairperson infurmat illi peress li harget id-data ta l-Elezzjoni Generali, u minhabba li qed jaqleb it-temp ser tipproponi li il-mixja mal-Forti tal Madliena u t-tahdita mis-Sinjura Maria Grazzja Cassar jigu trasferiti ghal Ottubru sa Dicembru. Kien hemm qbil unanimu.

Hija tkellmet fuq il-progetti li ser jkuni iffinanzjati mill-EU. Dawm  gew kkunsidrati tlett progetti fil-Madliena li huma:

- Tisbieh, irrangar u manteniment ta' passagg taht Triq Wied id-Dis li jwassal sal-Gharghur.
- Tisbieh u Irrangar tal boundary wall tul Triq Wied id-Dis;
- Tizbieh, irrangar, mantiment u upgrade ta' passagg li jinsab madwar il-Forti Madliena

Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel ricerka fejn sab li il-passagg ta' Triq Wied id-Dis huwa privat, u tal fehma li l-Kunsill m'ghandux japplika ghal fondi sabiex jintuzaw f'art privata. Fuq it-tieni punt tat-tisbieh u irrangar tal-boundary wall fl-istess triq, informa li il-boundary wall maghmul minn blokki taz-zonqor. Dawn gholjin hafna u peress li t-triq twila progett bhal dan ser jigi jiswa mijiet ta' eluf. Minn naha l-ohra, it-tielet progett ta' tisbieh, irrangar, mantiment u *upgrade* ta' passagg li jinsab madwar il-Forti Madliena huwa progett interessanti, u li jemmen li jista jsir, dejjem jiddipendi fuq l-istima li l-Perit ser jipprezenta fuqu. Il-Kumitat qabel fuq dan.

Ic-Chairperson infurmat li il-festa Madliena ser issir fit-22 ta' Lulju. Is-soltu il-Corner Food Store jisponsorja din il-festa. Il-Vici Chaiperson S. Stilon avza li ser jikkuntattja it-Tikka Banda, li dejjem ituna servizz.

Qabel ma ghalqet il-laqgha ic-Chairperson saqsiet lill membri biex jippreparaw xi artikli ghal-publikazzjoni. Il-Membru C. Asha Caruana avzat li ga ghandha artiklu lest, jismu 'Don't Waste Waste' li ser tissottomettih.

Peress li kien hemm membri li ma setghux jdumu iktar Il-laqgha ntemmet fis 18.15 u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 14 ta'Gunju fil-17.00.

Mary Anne Abela — Vince Tanti

Chairperson — Segretarju Ezekuttiv